



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 29.10.2014
COM(2014) 633 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**dwar l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1007/2011 dwar l-ismijiet ta' fibri ta'
tessuti u t-tikkettar u l-immarkar relatati tal-kompożizzjoni tal-fibri ta' prodotti tat-
tessut**

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

dwar l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1007/2011 dwar l-ismijiet ta' fibri ta' tessuti u t-tikkettar u l-immarkar relatati tal-kompożizzjoni tal-fibri ta' prodotti tat-tessut

1. INTRODUZZJONI

L-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1007/2011 tas-27 ta' Settembru 2011 dwar l-ismijiet ta' fibri ta' tessuti u t-tikkettar u l-immarkar relatati tal-kompożizzjoni tal-fibri ta' prodotti tat-tessut ("ir-Regolament dwar it-Tessuti" jew "ir-Regolament")¹ jobbliga lill-Kummissjoni biex sat-8 ta' Novembru 2014 tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, b'enfasi fuq talbiet għal ismijiet ġodda ta' fibri tat-tessuti u l-adozzjoni tagħhom. Dan l-Artikolu jitlob ukoll lill-Kummissjoni tippreżenta proposta leġiżlattiva jekk xieraq.

Dan ir-rapport jagħti ħarsa ġenerali lejn l-applikazzjoni tar-Regolament dwar it-Tessuti fl-Unjoni bejn it-8 ta' Mejju 2012 u l-aħħar ta' Ġunju 2014. Ikopri t-talbiet għal ismijiet ġodda ta' tessuti u l-adozzjoni tagħhom, u kwistjonijiet ewlenin ta' applikazzjoni oħra indikati lill-Kummissjoni mill-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati rilevanti. Ir-rapport jippreżenta wkoll il-perċezzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati tal-impatt tar-Regolament. Fl-aħħar nett, jippreżenta l-iżviluppi futuri possibbli.

Ir-rapport ġie stabbilit abbażi ta' konsultazzjonijiet ma' esperti mill-Istati Membri, l-industrija, u partijiet ikkonċernati oħrajn, b'mod partikolari fil-Grupp ta' Esperti tal-Kummissjoni dwar l-Ismijiet u t-Tikkettar tat-Tessuti ("il-Grupp ta' Esperti dwar it-Tessuti" jew it-"TEG").² Iqis ukoll informazzjoni pprovduta bħala tweġiba għal kwestjonarji mqassma fost l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u partijiet ikkonċernati oħra.

2. ĦARSA ĠENERALI LEJN IR-REGOLAMENT

2.1. L-għanijiet tar-Regolament dwar it-Tessuti u elementi ġodda

Mit-8 ta' Mejju 2012, ir-Regolament dwar it-Tessuti ħassar u ssostitwixxa t-tliet "Direttivi tat-Tessuti": Id-Direttiva 2008/121/KE dwar ismijiet tat-tessuti u d-Direttiva 96/73/KE dwar ċerti metodi għall-analiżi kwantitattiva ta' taħlitiet ta' żewġ fibri tat-tessut u d-Direttiva 73/44/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' analiżi kwantitattiva ta' taħlitiet ta' tliet fibri. Prodotti tat-tessuti li jikkonformaw mad-Direttiva 2008/121/KE u li ġew ikkummerċjalizzati qabel it-8 ta' Mejju 2012 jistgħu jkomplu jkunu disponibbli fis-suq sa tmiem il-perjodu tranżitorju (id-9 ta' Novembru 2014).

Ir-Regolament għandu l-għanijiet ġenerali tad-Direttivi tat-Tessuti preċedenti, jiġifieri li jelimina l-ostakoli potenzjali għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern u li jagħti l-informazzjoni adegwata u rilevanti lill-konsumaturi. Għandu wkoll l-għan li jintroduċi aktar flessibbiltà b'tali mod li l-leġiżlazzjoni tista' tiġi adattata skont l-iżviluppi teknoloġiċi mistennija fis-settur. Barra minn hekk, ipprova opportunità sabiex il-qafas regolatorju għall-iżvilupp u l-użu ta' fibri ġodda jiġi ssimplifikat u mtejjeb, u biex tiżdied it-trasparenza fil-proċess taż-żieda ta' fibri ġodda mal-lista tal-ismijiet tal-fibri.

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1007/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Settembru 2011 dwar l-ismijiet ta' fibri ta' tessuti u t-tikkettar u l-immarkar relatati tal-kompożizzjoni tal-fibri ta' prodotti tat-tessut (ĠU L 272, 18.10.2011, p. 1).

² Aktar tagħrif dwar l-istudji jinsab fuq:
http://ec.europa.eu/enterprise/sectors/textiles/documents/index_en.htm.

Ir-Regolament irreveđa d-dispożizzjonijiet ewlenin tad-Direttivi tat-Tessuti f'konformità mal-istandards leġiżlattivi riċenti biex jiffaċilita l-applikabbiltà diretta tiegħu u jiżgura li ċittadini, l-operaturi ekonomiċi u l-awtoritajiet pubbliċi jkunu jistgħu jidentifikaw id-drittijiet u l-obbligi tagħhom faċilment. Il-maġġoranza tad-dispożizzjonijiet ma nbidlux fis-sustanza, iżda f'xi każijiet il-kliem jew in-numri tal-artikoli nbidlu (ara l-Anness IX tar-Regolament).

Madankollu, ir-Regolament jintroduċi xi elementi importanti ġodda:

- obbligu ġenerali li jiddikjara l-kompożizzjoni sħiħa tal-fibri tal-prodotti tat-tessuti u kjarifika tar-regoli dwar it-tikketti u l-marki li jindikaw il-kompożizzjoni tal-fibra;
- rekwiżiti tekniċi minimi għal applikazzjonijiet għal ismijiet ġodda ta' fibri;
- rekwiżit biex tiġi indikata l-preżenza ta' partijiet mhux magħmula minn tessuti li joriġinaw mill-annimali;
- kjarifika tal-eżenzjoni għal prodotti personalizzati magħmula minn haġġata li jaħdmu għal rashom; kif ukoll
- l-ġhoti tas-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta atti delegati li jemendaw l-Annessi tekniċi tar-Regolament.

2.2. Kamp ta' Applikazzjoni, suġġett u dispożizzjonijiet ta' rappurtar

Ir-Regolament dwar it-Tessuti japplika għal prodotti tat-tessuti³ u prodotti jew komponenti tat-tessuti magħmula minn tal-anqas 80 % skont il-piż ta' fibri tat-tessuti.⁴ Fih regoli dwar:

- it-tikkettar u l-immarkar tal-kompożizzjoni tal-fibri tal-prodotti tat-tessut;
- it-tikkettar jew l-immarkar ta' prodotti tat-tessut li fihom partijiet mhux magħmula minn tessuti li joriġinaw mill-annimali; kif ukoll
- id-determinazzjoni tal-kompożizzjoni tal-fibri tal-prodotti tat-tessut b'analiżi kwantitattiva ta' taħlitiet ta' fibri binarji u ternarji tat-tessut.

Ir-Regolament ma jirregolax tipi oħra ta' tikkettar, bħat-tikkettar tad-daqs jew tal-kura. Madanakollu, l-Artikolu 24 talab lill-Kummissjoni biex sat-30 ta' Settembru 2013 tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar rekwiżiti ġodda possibbli tat-tikkettar li għandhom jiddaħħlu fil-livell tal-Unjoni bil-ħsieb li l-konsumaturi tingħatalhom informazzjoni preċiża, rilevanti, li tkun tinftiehem faċilment u komparabbli, dwar il-karatteristiċi tal-prodotti tat-tessut. Barra minn hekk, l-Artikolu 25 talab lill-Kummissjoni twettaq studju biex tevalwa jekk hemmx rabta kawżali bejn ir-reazzjonijiet allerġiċi u s-sustanzi jew it-taħlitiet kimiċi użati fi prodotti tat-tessut.

³ “Prodotti tat-tessut” hija ddefinita fl-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament bħala “kwalunkwe prodott mhux maħdum, parzjalment maħdum, maħdum, parzjalment-manifatturat, manifatturat, parzjalment lest jew lest li jkun esklużivament magħmul minn fibri tat-tessut, irrispettivament mill-proċess ta' taħlit jew ta' assemblaġġ użat”.

⁴ Tessuti inkorporati fi prodotti oħra u li jiffurmaw parti integrali minnhom, fejn il-kompożizzjoni tagħhom hija speċifikata, għandhom jiġu trattati bħala prodotti tat-tessuti wkoll (l-Artikolu 2(2)(d)).

Għaldaqstant, fil-25 ta' Settembru 2013, il-Kummissjoni adottat rapport⁵ dwar rekwiżiti ġodda possibbli għat-tikkettar ta' prodotti tat-tessut u dwar studju ta' sustanzi allerġeniċi fil-prodotti tat-tessut. Hija kkonkludiet li r-rekwiżiti attwali ta' tikkettar għall-prodotti tat-tessut huma adegwati. Fir-rigward tar-rekwiżiti tat-tikkettar għal sustanzi allerġeniċi li jintużaw fil-manifattura tat-tessut, il-Kummissjoni kkunsidrat aktar sforzi fir-riċerka u fl-użu ta' sustanzi alternattivi u mhux allerġeniċi li huma importanti u indikat azzjoni possibbli f'dan ir-rigward.

2.3. Atti delegati biex ċerti annessi tar-Regolament jiġu emendati

L-Artikolu 21 tar-Regolament jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati biex temenda l-Annessi II, IV, V, VI, VII, VIII u IX sabiex jitqies il-progress tekniku. L-atti delegati jistgħu jiġu adottati wkoll biex jiġi emendat l-Anness I sabiex jiġi inklużi ismijiet ġodda ta' fibri tat-tessut fil-lista ta' ismijiet ta' fibri tat-tessut. L-atti delegati jistgħu jiġu adottati, skont il-kriterji tekniċi u r-regoli proċedurali fl-Artikolu 22, għal perjodu ta' ħames snin mis-7 ta' Novembru 2011.

Skont l-Artikolu 22, il-Kummissjoni għandha tfassal rapport dwar id-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu, jiġifieri sas-7 ta' Frar 2016. Id-delega tas-setgħa hija estiża b'mod taċitu għal ħames snin sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma joġġezzjonawx mhux aktar tard minn tliet xhur qabel tmiem il-perjodu. Il-Parlament jew il-Kunsill jistgħu jirrevokaw id-delega tas-setgħa fi kwalunkwe mument.

3. IT-THADDIM TAR-REGOLAMENT

3.1. Approċċ u metodoloġija ta' dan ir-rapport

Fit-tnejn ta' dan ir-rapport, il-Kummissjoni evalwat it-tħaddim prattiku tar-Regolament u l-kisba tal-għanijiet prinċipali tiegħu. Fittxet ukoll li tidentifika kif l-applikazzjoni tar-Regolament tista' tittejjeb.

Ġie organizzat stħarriġ u konsultazzjonijiet immirati ma' esperti mill-Istati Membri, l-assoċjazzjonijiet tal-industrija u tal-bejgħ bl-imnut, it-trejdjunjins, l-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi, korpi ta' standardizzazzjoni Ewropej u partijiet ikkonċernati oħra, speċjalment permezz tat-TEG.

L-istħarriġ tal-Kummissjoni biex tiġbor informazzjoni strutturata mill-awtoritajiet tal-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati twettaq abbażi ta' żewġ kwestjonarji li kienu ppubblikati fuq il-websajt tagħha u mqassma permezz tan-Netwerk Ewropa għall-Intrapriża u networks tal-SMEs;⁶ wieħed kien indirizzat lill-awtoritajiet pubbliċi u l-ieħor lil partijiet interessati l-oħra. Ir-reazzjonijiet kienu ppreżentati u diskussi fit-TEG.⁷

⁵ *Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar rekwiżiti ġodda possibbli għall-ittikkettar ta' prodotti tat-tessut u dwar studju ta' sustanzi allerġeniċi fil-prodotti tat-tessut, COM(2013) 656 final, 25.9.2013.*

⁶ Intlaħaq qbil bejn l-esperti tal-Istati Membri u l-Kummissjoni dwar il-kwestjonarji

⁷ Sommarju tat-tweġibiet għall-kwestjonarji huwa disponibbli fuq: <http://ec.europa.eu/DocsRoom/documents/5710> u <http://ec.europa.eu/DocsRoom/documents/5711>.

Tweġibiet sħaħ jew parzjali għall-ewwel kwestjonarju waslu mingħand 27 Stat Membru u n-Norveġja.⁸ It-tieni kwestjonarju attira 29 tweġiba minn 15-il Stat Membru differenti (u wieħed mill-Isvizzera), inklużi disa' minn kumpaniji u 14 minn assoċjazzjonijiet tal-industrija. Il-livell ta' rispons huwa meqjus bħala pożittiv minħabba n-natura speċifika ħafna tas-suġġett.

Kien diffiċli li tinġabar informazzjoni dwar l-ispejjeż imġarrba mill-awtoritajiet kompetenti jew mill-operaturi biex jiġu implimentati r-rekwiżiti legali, probabbilment għaliex huma diffiċli biex tikkwantifikahom.

Is-sejbiet ewlenin tal-evalwazzjoni, li huma bbażati fuq id-diskussjonijiet mal-awtoritajiet pubbliċi u l-partijiet ikkonċernati, u l-informazzjoni miġbura permezz taż-żewġ kwestjonarji, inkluża l-evalwazzjoni finali tal-Kummissjoni, huma stabbiliti hawn taħt.

3.2. Adattamenti għal qafas legali ġdid

3.2.1. Adattament tal-leġiżlazzjoni nazzjonali

Peress li r-Regolament dwar it-Tessuti japplika direttament, ma hemmx għalfejn id-dispożizzjonijiet tiegħu jiġu trasposti. Minkejja dan, l-Istati Membri jridu jiżguraw li s-sistemi legali nazzjonali tagħhom huma konformi mal-leġiżlazzjoni l-ġdida, pereżempju billi jħassru miżuri nazzjonali li jittrasponu Direttivi tat-Tessuti preċedenti.

Skont l-informazzjoni pprovduta, l-Istati Membri li baġtu kontribuzzjonijiet għal dan ir-rapport ħadu passi biex tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta tar-Regolament. B'mod ġenerali, dan jinvolvi li jitħassru jew li jiġu emendati regolamenti, digriet u deċiżjonijiet nazzjonali eżistenti, u/jew li jiġu adottati atti legali ġodda. Il-bidliet kienu mmirati li jagħtu s-setgħa lill-awtoritajiet kompetenti, inkluż l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq, u li jiġu stabbiliti pieni għall-provvista ta' informazzjoni qarrieqa jew insuffiċjenti bħala tweġiba għar-rekwiżiti tar-Regolament. Il-maġġoranza tal-Istati Membri lestew l-adattamenti meħtieġa fil-ħin, iżda xi wħud minnhom għamlu hekk biss wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament (it-8 ta' Mejju 2012). Fiż-żmien tal-kitba ta' dan id-dokument, ċerti Stati Membri kienu għadhom fil-proċess li jadattaw il-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom jew kellhom l-intenzjoni li jintroduċu emendi fil-futur qrib.

3.2.2. Tixrid ta' informazzjoni dwar ir-Regolament dwar it-Tessuti

Għalkemm ir-Regolament ma jeħtieġx kampanji ta' informazzjoni, ittieħdu miżuri fil-maġġoranza tal-Istati Membri biex jinfurmaw l-operaturi ekonomiċi rilevanti u l-partijiet ikkonċernati bl-impatt tiegħu. Ġew organizzati kampanji minn awtoritajiet pubbliċi jew minn organizzazzjonijiet professjonali, kmamar tal-kummerċ u organizzazzjonijiet tal-konsumatur, sikwit f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi. L-informazzjoni ta' spiss għaddiet mill-ministeri għall-assoċjazzjonijiet professjonali u mbagħad għall-membri tagħhom. L-informazzjoni ġiet imxandra permezz ta' seminars u ċirkulari, materjal ta' sfond, informazzjoni fuq siti elettroniċi, artikli f'ġurnali kummerċjali u intervisti fuq ir-radju u fil-gazzetti nazzjonali. Diversi partijiet ikkonċernati qiesu li kien hemm bżonn ta' azzjoni addizzjonali biex jittejjeb l-għarfien tar-Regolament, speċjalment fost l-SMEs. L-ebda kampanja ta' informazzjoni ma ġiet organizzata fil-livell tal-UE.

⁸ Il-Pajjiżi l-Baxxi ma kkontribwewx.

Il-maġġoranza ta' dawk li jwieġbu mill-Istati Membri osservaw żieda fin-numru ta' talbiet għal informazzjoni, essenzjalment minn negozji, wara l-adozzjoni tar-Regolament.⁹ Id-dispożizzjoni li għabt l-aktar mistoqsijiet kienet l-Artikolu 12, li introduċa rekwiżit biex jiġi indikati l-partijiet mhux magħmula mit-tessuti li joriġinaw mill-annimali. Il-mistoqsijiet kienu jikkonċernaw mhux biss dispożizzjonijiet ġodda, iżda wkoll dawk qodma, forsi bħala riżultat ta' kampanji ta' informazzjoni, ta' partijiet ikkonċernati (uħud għadhom mhumiex konxji kompletament bil-leġiżlazzjoni eżistenti) b'interess imġedded fit-tikkettar tal-prodotti tat-tessut, jew ta' xi dispożizzjonijiet qodma li jiġu fformulati u nnumerati b'mod differenti u għalhekk jidhru differenti. Dan jista' jirrifletti wkoll il-preżenza ta' parteċipanti ġodda fis-suq, tipi ta' prodotti ġodda jew mudelli ta' negozju u strateġiji ta' distribuzzjoni/bejgħ ġodda, inkluż bejgħ online bi preżenza tal-kummerċ elettroniku biss.

Ġie nnutat ukoll li kull bidla fil-leġiżlazzjoni tixkatta numru ikbar ta' mistoqsijiet, irrISPettivament minn kif ħafna dispożizzjonijiet huma emendati. Il-Kummissjoni u diversi Stati Membri nnutaw li xi xhur wara li r-Regolament sar applikabbli n-numru ta' talbiet għall-informazzjoni waqa'.

3.3. Impatti ewlenin identifikati

L-applikazzjoni diretta tar-Regolament dwar it-Tessuti għenet biex jiġi żgurat li n-negozji (produtturi, importaturi, bejjieġha bl-imnut, eċċ.) jiffaċċjaw rekwiżiti armonizzati u trasparenti, u li l-konsumaturi jkunu infurmati kif xieraq u b'hekk ikunu aktar kunfidenti fit-teħid tad-deċiżjonijiet tagħhom. Kien hemm qbil fost l-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati li l-applikabbiltà diretta fl-Istati Membri kollha ssimplifikat ukoll il-proċess ta' spiss twil u kkumplikat tal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

Il-maġġoranza tal-awtoritajiet tal-Istati Membri ma rrapportawx diffikultajiet kbar jew problemi speċifiċi, probabbilment għax ir-Regolament ma kienx ilu li sar applikabbli. L-Istati Membri l-oħra u l-partijiet ikkonċernati esprimew għadd ta' punti ta' tħassib, uħud minnhom relatati ma' dispożizzjonijiet mhux mibdula.

Ir-rekwiżit li partijiet mhux magħmula mit-tessuti li joriġinaw mill-annimali jiġu indikati (l-Artikolu 12) u r-rekwiżit li prodotti tat-tessuti jiġu tikkettati jew immarkati fil-lingwi tal-Istati Membri li fihom jiġu kkummerċjalizzati l-prodotti (l-Artikolu 16(3)) issem mew minn xi Stati Membri u ħafna partijiet ikkonċernati bħala dawk li jikkawżaw l-iktar problemi (konfużjoni, kumplessità u spejjeż żejda).

Skont l-Artikolu 12, il-preżenza ta' partijiet mhux magħmula mit-tessuti, li joriġinaw mill-annimali, fi prodotti tat-tessuti għandha tiġi indikata billi tiġi inkluża l-frażi "Jinkludi partijiet mhux magħmula mit-tessut li joriġinaw mill-annimali" fit-tikkettar jew fl-immarkar tal-prodotti kkonċernati. Kemm il-Kummissjoni kif ukoll l-awtoritajiet rilevanti fl-Istati Membri rċiew diversi mistoqsijiet minn negozji jitolbu kjarifika dwar jekk anke partijiet żgħar ħafna ta' oriġini mill-annimali, bħal (biċċiet ta') għadam, perla jew qarn, iridux jiġu indikati (iva, iridu jiġu indikati).

L-Artikolu 16(3) jitlob li t-tikkettar jew l-immarkar għandu jsir fil-lingwa(i) uffiċjali tal-Istat Membru fit-territorju li fih il-prodott ikun disponibbli għall-konsumatur, sakemm dak il-pajjiż

⁹ Għadd ta' talbiet kienu jikkonċernaw kwistjonijiet barra mill-ambitu tar-Regolament, eż. daqs jew kura tat-tikkettar.

ma jipprovdix mod ieħor. Għadd ta' partijiet ikkonċernati stqarrew li dan iżid l-ispejjeż, iżda l-opinjoni varjaw tant li xi wħud qalu li l-ispejjeż huma sostanzjali, filwaqt li għal oħrajn mhumiex daqstant għolja.

Ġew irrappurtati wkoll xi diffikultajiet fir-rigward tal-applikazzjoni jew il-fehim ta' dispożizzjonijiet oħra, bħal: l-Artikolu 14(2), li jippermetti lill-operaturi ekonomiċi fi ħdan il-katina ta' provvista li jibdlu t-tikketti jew il-marki b'dokumenti kummerċjali ta' akkumpanjament; ir-referenza għall-Anness VII fl-Artikolu 19 (oġġetti li ma għandhomx jitqiesu għad-determinazzjoni tal-kompożizzjoni tal-fibri); l-“eċċezzjonijiet” skont l-Anness V (prodotti li għalihom it-tikkettar jew l-immarkar mhuwiex obbligatorju); u dispożizzjonijiet speċjali għal ċerti prodotti tat-tessut fl-Anness IV.

Filwaqt li xi dispożizzjonijiet ġodda, b'mod partikolari l-Artikoli 12 u 16(3), ġew meqjusa bħala ambigwi, ta' piż u għaljin għall-partijiet ikkonċernati, dawn ġew rikonoxxuti wkoll bħala dawk li għamlu l-iktar sforz biex jiżguraw li l-konsumaturi jirċievu aktar informazzjoni. Huwa wkoll leġittimu li jiġi żgurat li l-konsumaturi jkunu infurmati bil-lingwi tagħhom stess. Barra minn hekk, in-negozji huma ħielsa li jipprovdut kull informazzjoni addizzjonali li jqisu utli, sakemm din ma tfixkilx lill-konsumatur.

3.4. Attivitàjiet ta' sorveljanza tas-suq

Is-sorveljanza tas-suq tat-tessuti hija bbażata fuq l-istess prinċipji bħal dik fl-oqsma tal-prodotti l-oħra kollha. Ir-Regolament dwar it-Tessuti ma jinvolvi l-ebda mekkaniżmi ta' sorveljanza tas-suq li jmorru lil hinn mill-mekkaniżmi ġenerali applikabbli fl-Istati Membri. Għall-aktar użu effiċjenti ta' persunal, tagħmir, riżorsi tat-trasport u tal-ittestjar, l-awtoritajiet jaħdmu fuq il-bażi ta' programmi ta' spezzjoni annwali, innotifikati lill-Kummissjoni, li jqisu l-esperjenzi u s-sejbiet preċedenti, prodotti nnotifikati b'mod frekwenti permezz tas-sistema RAPEX¹⁰ u l-ilmenti tal-konsumaturi. Il-programmi jipprioritizzaw il-gruppi ta' prodotti tal-konsumatur b'riskji għas-saħħa u s-sikurezza li l-konsumaturi spiss jiltaqgħu magħhom, ħafna drabi fuq il-bażi ta' informazzjoni li waslet mingħand il-konsumaturi, l-intrapriżi u sorsi oħra. Il-prioritajiet jistgħu jinbidlu minn sena għal oħra jew kull meta jfiġġu oqsma ġodda ta' problemi. Barra minn hekk, fejn meħtieġ (eż. f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza), l-awtoritajiet tal-Istati Membri jwettqu kontrolli u testijiet li mhumiex neċessarjament koperti fil-programmazzjoni tagħhom.

Ftit huma l-pajjiżi¹¹ li nkludew it-tessuti b'mod espliċitu fil-programmi ta' sorveljanza tas-suq nazzjonali tagħhom. B'mod ġenerali, anke jekk wieħed jirreferi espliċitament għall-prodotti tat-tessut, il-kontrolli tas-sorveljanza tas-suq ikopru l-verifiki ta' kompatibilità barra mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament, eż. kwistjonijiet ta' sigurtà, bħat-tul ta' bizzilel, buttuni u r-rilaxx ta' partijiet żgħir li jistgħu jikkawżaw fgar.

¹⁰ Is-sistema RAPEX ġiet stabbilita fuq il-bażi tad-Direttiva dwar is-Sigurtà Ġenerali tal-Prodotti (GPSD) għal prodotti armonizzati u mhux armonizzati tal-konsumatur u estiża għall-prodotti kollha armonizzati skont ir-Regolament (UE) Nru 765/2008. In-notifiki kollha tar-RAPEX huma ppubblikati kull ġimgħa fuq l-internet mis-servizzi tal-Kummissjoni fuq: http://ec.europa.eu/atoz_mt.htm

¹¹ Seba' Stati Membri (il-Bulgarija, Franza, il-Kroazja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Portugall u r-Rumanija) u n-Norveġja.

Minbarra l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq ġenerali, jeżistu korpi oħra li għandhom l-għan li jipproteġu lill-kumpaniji u l-konsumaturi minn kompetizzjoni inġusta u reklamar qarrieqi.¹² Tali korpi jistgħu jiġu kkuntattjati direttament minn kull min jissuspetta prattiki bħal dawn.

Ma jeżisti l-ebda approċċ uniku għal tipi differenti ta' spezzjoni rigward ir-Regolament dwar it-Tessuti, minħabba li l-piż li jinġhata mill-Istati Membri lil kull tip ta' spezzjoni jvarja sa ċertu punt. Ir-riżultati tal-istħarriġ fost l-awtoritajiet nazzjonali wera li spezzjonijiet u kontrolli *ad hoc* perjodiċi regolari huma l-aktar forum komuni ta' spezzjoni fil-maġġoranza tal-Istati Membri. Il-kuntatti diretti ma' manifatturi u operatori ekonomiċi oħra huma inqas importanti.

L-istħarriġ saħaq fuq żewġ tipi ta' problemi rrappurtati mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq fir-rigward tal-applikazzjoni tar-Regolament. Dawn kienu jikkonċernaw:

- in-nuqqas ta' konformità min-negozji, partikolarment: l-użu ta' ismijiet ta' fibri tat-tessuti mhux elenkati fl-Anness I; in-nuqqas ta' indikazzjoni tal-kompożizzjoni tal-fibri fil-lingwa uffiċjali tal-pajjiż li fih il-prodott jiġi kkummerċjalizzat; l-indikazzjoni żbaljata tal-kompożizzjoni tal-fibra fuq tikketta jew marka; u l-ebda tikketta jew marka; kif ukoll
- mezzi jew għodod: l-attivitajiet ta' ttestjar u tas-sorveljanza tas-suq tal-awtoritajiet nazzjonali affettwati minn disponibbiltà limitata tar-riżorsi, kemm umani kif ukoll finanzjarji, li jwasslu għal numru anqas ta' kampjuni li jistgħu jiġu ttestjati.

Għalkemm ma hemm l-ebda statistika fil-livell tal-Unjoni dwar il-konformità ta' prodotti tat-tessuti mar-Regolament, fil-biċċa l-kbira jidher li ma ġiet irreġistrata l-ebda problema mill-awtoritajiet doganali u tas-sorveljanza tas-suq, aktarx minħabba li mhux dejjem iquisu l-kompożizzjoni tal-fibri tat-tessuti bħala prijorità ta' riskju għoli. Madankollu, jidher li l-livell ta' konformità mhux dejjem huwa sodisfaċenti.¹³ Ukoll, fin-nuqqas ta' verifiki u kontrolli suffiċjenti dwar il-kompożizzjoni tal-fibri ta' prodotti tat-tessut, hemm riskju li l-konsumaturi jixtru prodotti bit-tikketta li tindika li fihom fibri għaljin (eż. kaxmir, ħarir) filwaqt li fil-verità jkunu magħmula minn fibri li jiswew ferm inqas. Għaldaqstant, il-Kummissjoni thegġegħ lill-Istati Membri jżidu l-parteċipazzjoni tagħhom f'azzjoni konġunta ta' infurzar li tippermetti lill-awtoritajiet nazzjonali jaqsmu r-riżorsi, l-għarfien espert u r-riżultati filwaqt li jiġi żgurat approċċ koordinat u armonizzat lejn l-infurzar. Il-Kummissjoni għandha l-possibbiltà li tikkofinanzja tali azzjoni konġunta, anke fil-qasam tal-kompożizzjoni tal-fibri tat-tessuti.¹⁴

3.4.1. Pieni għall-ksur tar-Regolament dwar it-Tessuti

L-Istati Membri pprovdew għal firxa wiesgħa ta' peni, inklużi peni amministrattivi u ġudizzjarji, għal ksur tar-Regolament dwar it-Tessuti. L-aktar piena amministrattiva iebsa jidher li hija l-irtirar tal-prodott mhux konformi mis-suq, iżda apparentement din tintuża f'każijiet eċċezzjonali. Il-livell ta' peni jvarja b'mod konsiderevoli fost l-Istati Membri u xi partijiet ikkonċernati ssuġġerew li għandha tiġi introdotta sistema Ewropea armonizzata taħt

¹² e.ż. il-*Wettbewerbszentrale* tal-Ġermanja, korpi osservatorju indipendenti u mhux kummerċjali.

¹³ Fi Stat Membru wieħed, madwar 35 % tal-prodotti ttestjati kellhom kontenut tal-fibra skorrett u madwar 33 % tal-prodotti ttestjati kellhom it-tikkettar skorrett.

¹⁴ Aktar informazzjoni fuq: www.prosafe.org.

ir-Regolament. (Fil-Komunikazzjoni tagħha *Viżjoni għas-suq intern*¹⁵, il-Kummissjoni indikat l-intenzjoni tagħha li tqis proposta leġiżlattiva li tinvolvi approċċ armonizzat għall-pieni ekonomiċi fis-suq intern għall-prodotti industrijali).

Skont l-istħarriġ tal-Kummissjoni, il-livell ta' għarfien u informazzjoni dwar il-pieni huwa pjuttost limitat fost il-partijiet ikkonċernati. Fil-fehma ta' xi wħud, il-pieni mhumiex ħorox biżżejjed għaliex il-multi mhumiex qed jaġixxu ta' deterrent.

3.5. Gwida mill-Kummissjoni

Biex tikkomplimenta r-Regolament, il-Kummissjoni fasslet lista ta' mistoqsijiet frekwenti (FAQs) biex tipprovdi lin-negozji bi tweġibiet għal mistoqsijiet imqajma permezz ta' din l-applikazzjoni. Il-lista tiġi aġġornata regolarment u hija disponibbli għall-pubbliku fuq il-websajt tal-Kummissjoni.¹⁶ Madanakollu, it-tweġibiet ma jinterpretawx id-dispożizzjonijiet tar-Regolament, peress li interpretazzjoni vinkolanti tal-leġiżlazzjoni tal-UE hija kompetenza esklussiva tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni.

Wara l-esperjenza bl-FAQs u l-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati u l-Istati Membri, iffurmat il-fehma komuni li l-lista ta' FAQs tista' tinbidel jew tiġi kkomplementata b'dokument ta' gwida aktar strutturat u komprensiv li jagħti ħarsa ġenerali lejn il-kwistjonijiet ewlenin dwar il-fehim tar-Regolament. Madanakollu, dan id-dokument ma għandux jinterpreta d-dispożizzjonijiet tar-Regolament peress li kif intqal iktar 'il fuq, interpretazzjoni vinkolanti tal-leġiżlazzjoni tal-UE hija kompetenza esklussiva tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni. Id-dokument jista' jiġi diskuss u elaborat bl-għajnuna tat-TEG.

It-TEG għandu rwol importanti fl-applikazzjoni tar-Regolament. Ħa taħt idejh il-kompiti tal-grupp ta' ħidma preċedenti, ħlief għal dawk relatati mat-traspożizzjoni, li ma għadhomx japplikaw mar-Regolament (applikabbli direttament). It-TEG jiddiskuti u jiskambja opinjonijiet dwar l-applikazzjoni tar-Regolament, jiġbor informazzjoni sabiex jifhem aħjar id-diffikultajiet u joħroġ b'interpretazzjoni komuni tad-dispożizzjonijiet tiegħu. Huwa magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri u l-esperti tal-partijiet ikkonċernati jattendu l-laqgħat bħala osservaturi meta xieraq.

3.6. L-istandardizzazzjoni

L-Artikolu 19 tar-Regolament jeħtieġ il-verifiki biex tiġi ddeterminata l-kompożizzjoni tal-fibri ta' prodotti tat-tessut li għandhom jitwettqu skont il-metodi għall-analiżi kwantitattiva ta' taħlitiet ta' fibri binarji u ternarji tat-tessuti stabbiliti fl-Anness VIII, jew ma' standards armonizzati. Fir-rigward tal-użu eventwali ta' dan tal-aħħar, il-Kummissjoni qed tqis li tressaq talba ta' standardizzazzjoni lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (Committee for Standardisation - CEN). B'mod tentattiv, din it-talba tista' tinkludi:

- l-iskrinjar ta' metodi ta' kwantifikazzjoni (tal-Anness VIII u tal-istandards EN ISO);

¹⁵ Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew *Viżjoni għas-suq intern għall-prodotti industrijali (COM(2014) 25 final, it-22 ta' Jannar 2014)*.

¹⁶ http://ec.europa.eu/enterprise/sectors/textiles/files/regulation-1007-2011-faq_en.pdf.

- l-identifikar tad-differenzi fir-rekwiżiti u l-possibbiltà ta' azzjoni ta' rimedju; kif ukoll
- l-iżvilupp ta' standards armonizzati għall-analiżi tal-prodotti tat-tessut magħmulin minn taħlitiet ta' fibri binarji u ternarji.

Diversi Stati Membri indikaw li ma hemm l-ebda metodu stabbilit għall-identifikazzjoni tal-fibri. Jeżistu opinjonijiet diverġenti dwar il-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' metodi ta' identifikazzjoni ta' fibri ottiċi, kimiċi u infra-ħomor.

4. ISMIJET ĠODDA TA' FIBRI TAT-TESSUTI

4.1. Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament

Iż-żieda ta' fibra ġdida mal-Annessi tad-Direttivi tat-Tessuti preċedenti kienet teħtieġ proċedura twila, bejn l-applikazzjoni inizjali għal fibra ġdida u l-adozzjoni legali tagħha fil-livell Ewropew,¹⁷ li titlob li sussegwentement l-Istati Membri tal-UE jadattaw il-liġijiet nazzjonali tagħhom. Dan irriżulta f'piż amministrattiv għall-awtoritajiet pubbliċi, it-telf ta' dħul għal intrapriżi u d-dewmien biex il-fibra l-ġdida titqiegħed fis-suq, partikolarment għall-intrapriża li żviluppatha. Dan id-dewmien kien meqjus bħala restrizzjoni b'impatti negattivi fuq l-innovazzjoni.

Skont ir-Regolament dwar it-Tessuti, jistgħu jiżiedu ismijiet ġodda ta' fibri permezz ta' atti delegati tal-Kummissjoni, li huma direttament applikabbli u ma jeħtieġu l-ebda proċedura ta' implimentazzjoni mill-Istati Membri.

Skont l-Artikolu 5 tar-Regolament, huma biss l-ismijiet tal-fibri tat-tessut elenkati fl-Anness I li għandhom jintużaw għad-deskrizzjoni tal-kompożizzjoni tal-fibri fuq it-tikketti u l-immarkar tal-prodotti tat-tessut. L-Anness I attwalment jistipula żewġ gruppi ta' ismijiet ta' fibri: It-Tabella 1 tinkludi fibri naturali (il-punti minn 1 sa 18), bħas-suf, il-ħarir, il-qoton u bjankerija; filwaqt li t-Tabella 2 tinkludi fibri magħmula mill-bniedem (il-punti minn 19 sa 49),¹⁸ bħall-visk, in-najlon, il-poliester u l-elastan. Kull isem ta' fibra jiġi akkumpanjat minn deskrizzjoni.

Ir-Regolament dwar it-Tessuti introduċa wkoll dispożizzjoni ġdida (l-Artikolu 6) fejn kwalunkwe manifattur jew kwalunkwe persuna li tkun qed taġixxi f'isem il-manifattur tista' tapplika għand il-Kummissjoni biex iżżid isem ġdid ta' fibra tat-tessut mal-lista stabbilita fl-Anness I. L-applikazzjoni għandha tinkludi fajl tekniku¹⁹ li jkun fih, mill-inqas:

- informazzjoni dwar l-isem u d-definizzjoni proposti tal-fibra tat-tessut;
- metodi ta' identifikazzjoni u ta' kwantifikazzjoni;
- ċerti parametri u proprjetajiet tal-fibra; kif ukoll

¹⁷ L-ismijiet ġodda ta' fibri ġew miżjuda permezz ta' proċedura ta' komitoloġija taħt is-sistema preċedenti.

¹⁸ Wara l-ewwel att delegat skont ir-Regolament.

¹⁹ Ir-rekwiżiti minimi rigward il-fajl tekniku li għandu jiġi inkluż fl-applikazzjoni huma indikati fl-Anness II tar-Regolament.

- proċess ta' produzzjoni u rilevanza għall-konsumaturi.

L-applikant għandu jagħti lis-servizzi tal-Kummissjoni kampjuni rappreżentattivi tal-fibra l-ġdida, kemm puri kif ukoll fit-taħlitiet tal-fibra tat-tessut rilevanti, għall-analiżi u l-kwantifikazzjoni tal-validazzjoni tal-fibri.

4.2. Ismijiet ġodda ta' fibri

Għall-finijiet ta' dan ir-rapport jitqiesu tliet talbiet għall-adozzjoni ta' ismijiet ġodda ta' fibri. Tnejn tressqu qabel ma r-Regolament dwar it-Tessuti daħal fis-seħħ, iżda l-valutazzjoni ta' fajls tekniċi rispettivi tlestiet meta r-Regolament kien diġà applikabbli. Madankollu, il-livell ta' informazzjoni pprovdut f'dawk id-dossiers kien meqjus biżżejjed għal deċiżjoni meta mqabbel mar-rekwiżiti ffixxati mir-Regolament.

L-ewwel talba kienet tikkonċerna l-“bikomponent ta' polipropilen/poliammid” u ġiet ippreżentata lill-Kummissjoni fl-2005 skont id-Direttivi tat-Tessuti l-qodma. L-isem ġie miżjud mal-lista fl-Anness I skont ir-Regolament dwar it-Tessuti adottat reċentement f'konformita mar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 286/2012,²⁰

It-tieni talba, għall-isem ġeneriku “triebsta” (tip ta' fibra tal-poliester), tressqet lill-Kummissjoni kmieni fl-2011. Wara li eżaminat il-fajl tekniċu f'kooperazzjoni mat-TEG, il-Kummissjoni qieset l-applikazzjoni tista' tintlaqa'. Imbagħad twettqet analiżi teknika profonda sabiex tiġi vvalidata d-definizzjoni proposta, jiġu vverifikati l-karatteristiċi tal-fibra u jiġu vverifikati l-parametri li abbażi tagħhom tista' tingħażel minn fibri oħrajn. Ir-risultati tal-ħidma analitika, li huma disponibbli għall-pubbliku²¹, ġew ippreżentati lill-Istati Membri u l-esperti tal-partijiet ikkonċernati u diskussi magħhom. Din it-tip ta' fibra, li normalment f'dokumenti kummerċjali u tekniċi hija magħrufa bħala PTT (politrimetilentereftalat), ġiet brevettata fl-erbgħinijiet u issa hija disponibbli kummerċjalment bħala poliester. Barra minn hekk, il-karatteristiċi kimiċi tagħha mhumix radikalment differenti minn dawk ta' fibri oħra tal-poliester u għalhekk tista' tiġi kklassifikata bħala poliester. Wara valutazzjoni finali, fl-aħħar ta' Mejju 2014, il-Kummissjoni infurmat lill-applikant li l-fibra “triebsta” mhix se tiġi miżjuda mal-lista fl-Anness I tar-Regolament.

It-tielet talba, għall-isem ġeneriku “poliakrilat”, waslet għand il-Kummissjoni f'Jannar 2014, jiġifieri wara l-adozzjoni tar-Regolament. Wara eżami tal-fajl tekniċu, l-applikazzjoni ġiet meqjusa li tista' tintlaqa'. Il-proċedura għadha għaddejja u d-deċiżjoni finali li għad trid tittieħed, mistennija tittieħed is-sena d-dieħla.

4.3. Proċessar ta' applikazzjonijiet għal ismijiet ġodda ta' fibri

²⁰ Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 286/2012 tas-27 ta' Jannar 2012 li jemenda l-Anness I biex jinkludi isem ġdid ta' fibra tat-tessuti, u bl-għan li jiġu adattati għall-progress tekniċu l-Annessi VIII u IX tar-Regolament (UE) Nru 1007/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-ismijiet ta' fibri ta' tessuti u t-tikkettar u l-immarkar relatati tal-kompożizzjoni tal-fibri ta' prodotti tat-tessuti (ĠU L 95, 31.3.2012, p. 1).

²¹ L-istudju huwa disponibbli fuq:
https://ec.europa.eu/jrc/sites/default/files/ptt_final_report_revision_1_v_14_03_05.pdf

L-ebda waħda minn dawn it-talbiet għall-adozzjoni ta' ismijiet ġodda ta' fibri ma għaddiet mill-proċedura ta' valutazzjoni kollha prevista skont ir-Regolament dwar it-Tessuti, jiġifieri mill-applikazzjoni inizjali sal-adozzjoni legali fil-livell Ewropew.

Dawn għalhekk ma jipprovdux bażi għal evalwazzjoni kompleta tal-effikaċja u l-effiċjenza tar-Regolament sabiex tiġi simplifikata u mgħaġġla l-proċedura biex jiġi emendat l-Anness I biex jinkludi l-ismijiet ġodda ta' fibri. Madankollu, huwa mistenni li l-użu ta' Regolament tal-Kummissjoni, aktar milli Direttivi u proċedura ta' komitoloġija, sostanzjalment aċċellera l-proċess ta' żieda ta' isem ġdid ta' fibra mal-lista fl-Anness I.

Fir-rigward tal-applikazzjonijiet li saru mill-2011, l-informazzjoni sottomessa ssodisfat ir-rekwiżiti minimi tal-Anness II u barra minn hekk l-applikanti ntalbu jippreżentaw il-karatteristiċi tal-fibri f'laqgħa tat-TEG u, fejn xieraq, jipprovdu informazzjoni addizzjonali lis-servizzi tal-Kummissjoni.

Minkejja l-esperjenza limitata tal-proċess il-ġdid għall-applikazzjonijiet u l-adozzjoni ta' ismijiet ġodda ta' fibri, il-Kummissjoni tqis li, għalissa, kemm il-proċeduri kif ukoll il-kriterji huma bbilanċjati u rilevanti. Madankollu, filwaqt li jiġi rispettata il-qafas regolatorju eżistenti, hemm lok għal titjib prattiku, b'mod partikolari sabiex jippermetti konsultazzjoni usa' tal-partijiet ikkonċernati.

5. KONKLUŻJONIJIET U PROSPETTIVI

Il-perjodu stipulat bir-Regolament biex titwettaq evalwazzjoni tal-applikazzjoni tiegħu kien limitat (2012-14) u insuffiċjenti biex jiġu individwati l-qawwiet u d-dgħufijiet kollha tal-leġislazzjoni għalissa.

L-eżitu ġenerali tal-istħarriġ u l-konsultazzjonijiet mal-esperti tal-Istati Membri u ta' partijiet interessati oħra jidhru li juru li r-Regolament qed jaħdem sew minn mindu daħal fis-seħħ. Huwa jipprovdi għal miżuri xierqa biex jintlaħqu l-għanijiet tiegħu, jiġifieri l-funzjonament tajjeb tas-suq intern, billi tingħata informazzjoni preċiża lill-konsumaturi, tiġi introdotta aktar flessibbiltà fl-adattament tal-leġislazzjoni għal bidliet teknoloġiċi, u jiġi ssimplifikat il-qafas regolatorju. Iċ-ċaqliq minn tliet Direttivi għal Regolament wieħed wassal għal inqas burokrazija u aktar ċertezza għan-negozji u għall-konsumaturi. Kwistjonijiet prattiċi u relatati mal-konformità li għadhom iqajmu mistoqsijiet fost il-prattikanti jistgħu jiġu kkjarifikati b'diversi modi, b'mod partikolari billi tinħareġ gwida teknika. Id-dispożizzjonijiet il-ġodda setgħu wasslu għal spejjeż ogħla għan-negozji, iżda jista' jidher li dawn ġew ikkompensati permezz ta' informazzjoni aħjar għall-konsumaturi.

Għalhekk, minkejja l-isfidi prattiċi involuti fl-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet fil-qafas regolatorju attwali, ma ġew identifikati l-ebda lakuni notevoli, inkonsistenzi jew piż amministrattiv li jkun jeħtieġ emenda tar-Regolament.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq u sabiex jittejjeb il-qafas regolatorju eżistenti, il-Kummissjoni tikkonkludi li jistgħu jiġu previsti dawn li ġejjin:

- il-ħruġ ta' dokument ta' gwida, ibbażat fuq l-FAQs attwali, biex jiġu oċċarati diversi aspetti tar-Regolament dwar it-Tessuti;

- l-eżami ta' possibbiltajiet prattiċi għat-titjib tal-proċess biex jiġu ttrattati applikazzjonijiet għal ismijiet ġodda ta' fibri; kif ukoll
- titqies talba għal xogħol ta' standardizzazzjoni mill-organizzazzjonijiet ta' standardizzazzjoni Ewropej rilevanti, b'mod partikolari s-CEN.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni se twettaq aktar monitoraġġ u monitoraġġ kontinwu tar-Regolament bl-għajnuna tal-Istati Membri u l-partijiet interessati rilevanti. L-Istati Membri se jkunu mħeġġa wkoll iquis l-verifika u l-kontroll addizzjonali ta' prodotti tat-tessuti taħt il-programmi nazzjonali tas-sorveljanza tas-suq tagħhom.